**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**

**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**

***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***

***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Kumpilazzjoni numru: 111/2019 CFF**

**Il-Pulizija**

**Spettur John Spiteri**

**Spettur Roderick Attard**

**vs**

**Manweli Zahra**

**Illum 26 ta' April 2023**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra:

Manweli Zahra ta' 67 sena bin Joseph u Ġużeppa nee Bilocca, imwieled Żurrieq nhar il-25 ta' Settembru 1951, u joqgħod numru 88, Triq il-Gandofla, B'Bugia u għandu karta tal-identità numru 788451M

Akkużat talli nhar is-17 ta' Frar 2019 f'xi ħin bejn is-14:00 u 19:00 f'dawn il-Gżejjer u/jew f'88, Triq il-Gandoffla, B'Bugia

a. Ikkommetta att ta' natura sesswali mingħajr il-kunsens ta' Analise Xuereb ID 431886M liema reat sar fuq persuna vulnerabbli

b. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, issoġġetta lil Analise Xuereb ID 431886M għal xi att ta' intimata fiżika u/jew tlabt favuri sesswali mingħand il-persuni msemmija.

Il-Qorti kienet ġentilment mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-liġi, tapplika wkoll l-artikoli 382, 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta għas-sigurtà ta' Analise Xuereb ID 431886M.

Il-Qorti kienet mitluba li toħroġ ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artiklu 412(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawża kif ukoll f'każ ta' ħtija ma' kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

Il-Qorti kienet ukoll ġentilment mitluba sabiex jekk jidrilha xieraq tordna ordni ta' trattament skond Art 412D tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-Uffiċjal Prosekutur qara u kkonferma bil-ġurament l-akkużi fil-konfront ta' l-imputat fis-seduta datata tal-20 ta' Frar 2019.

Rat l-atti tal-kawża u d-dokumenti eżebiti u cioè dokumenti immarkati minn dok JS1, JS2, JS3, JS4, JS5, dok EB1, dok JC1, dok EG1.

Semgħet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni, u cioè l-ispettur John Spiteri, Dr Joseph Cassar, Dr Edwina Brincat, Annalise Xuereb, WPS 219 Erika Galea Abela, WPC 342 Francesca Formosa, Anthony Debattista, Lara Marie Abela, Tiziana Spiteri, Kim Ciantar, John Busuttil, Karen Zahra, Spettur Roderick Attard, PC 881 Nicholas Christian Caruana, PC 372 Charles Desira, Dr Joe Vella Baldacchino, PS 816 Shaun Vassallo, Dr Martin Bajada,

Semgħet ukoll lill-imputat Manweli Zahra jixhed minn jeddu fil-preżenza tal-avukat tiegħu.

Rat l-atti kollha ta' dan il-proċedimenti u d-dokumenti esibiti.

Rat in-nota tar-Rinviju għall-ġudizzju tal-Avukat Ġenerali datata 28 ta' Frar 2020 fejn huwa dehrlu li tista' tinstab ħtija jew ħtijiet taht dak li hemm maħsub:

(i) Fl-artikoli 207, 202(k) u 208AC tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(ii) Fl-artikoli 251A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(iii) Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(iv) Fl-artikoli 383, 384, 385, 386, 387, 412C u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li fil-verbal tas-17 ta' Settembru 2020 il-Qorti qrat l-artikoli fejn l-imputat wieġeb li huwa m'għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jinstema' bi proċedura sommarja.

Semgħat il-provi;

**Ikkunsidrat**

Illi l-fatti li taw lok għal dan il-każ beda wara li l-Pulizija rċeviet informazzjoni li ċertu Analise Xuereb kienet tkellmet ma' żewġ professjonisti li jaħdmu ġewwa Fondazzjoni Suret il-Bniedem, fejn qaltilhom li fis-17 ta' Frar 2019 kienet sfat vittma ta' abbuż sesswali fuq il-persuna tagħha. Dak iż-żmien hija kienet f'relazzjoni ma' wieħed Ganni li kien ħabib tal-imputat. L-imputat kien ċempilha u qalilha sabiex tiġi għandu għax xtaq ikellimha. Hija qabdet il-karozza tal-linja sabiex tmur ħdejh. Huwa kien stedina sabiex tmur għandu tieħu kafè miegħu. Meta kienet ġewwa fir-residenza tiegħu kien qalilha li Ganni kien mar Għawdex u kienet qaltlu għaliex ma kienx qalilha fuq it-telefon minflok. Kien hemmhekk li kien qalilha li xtaq jieħu kafè magħha u waqt li kienet waħedha miegħu dan qabdilha l-parti privata tagħha u anki sidirha minn fuq il-ħwejjeġ. Għalkemm qaltlu biex jieqaf xorta wara reġa' għamel dawn l-affarijiet u anki bies xufftejha. Illi hija rnexxielha toħroġ mir-residenza u marret ftit l' bogħod minn fejn kien joqgħod l-imputat fid-dar tat-tifla tiegħu. Minħabba dak li kienet għaddiet minnhu qabadha stat ta' paniku. Meta kienet fir-residenza tat-tifla tal-imputat, huwa ġie u beda jgħidilha li hi giddieba. Meta telqet mill-istess residenza, ċemplet lil Ganni li kien jiġi l-għarus tagħha, u meta kelliema qalilha li hi bdiet tigdeb fuq dak li kien gara mal-imputat iżda kienet hi li missietu. Illi meta xehed l-istess Ganni (li huwa John Busuttil), semma li ħmistax qabel li kien gara dan il-każ ma kienx baqa' joħroġ ma' Annalise. Huwa sar jaf x'kien ġara minn dak li kienet qaltlu l-istess tifla tal-imputat. Illi skont hu, Annalise għamlet dan ir-rapport biex tivvendika ruħha. Illi min-naħa tat-tifla ta' l-imputat Karen Zahra ikkonfermat li Annalise Xuereb kienet ġiet fir-residenza tagħha u qaltilha li missierha kien missha u prova jbusha u ma kienitx fi stat ta' paniku, iżda missierha kien innega dan kollu. Hija żiedet tgħid li hija kienet taf li dan Ganni kien se jkun Għawdex għax kienu tkellmu quddiema waqt li kienet id-dar tagħha.

Illi minħabba dan ir-rapport, l-imputat ġie arrestat fejn wara li kkonsulta mal-avukat tiegħu, ma wieġeb għal ebda domanda li saritlu. Illi huwa kien xehed f'dawn il-proċeduri fejn qal li Ganni kien qallu li kien sejjer Għawdex fejn kien hemm ukoll Annalise Xuereb. Illi l-għada kienet ċemplet fuq il-mobile tiegħu

fejn qaltlu li kienet nieżla ġewwa Birżebbuġa u hu ma kienx qallha li fil-fatt dan Ganni ma kienx mar Għawdex. Meta ġiet għandu beda jagħmel bela kafè għalihom u ftit wara qalilha li ried jitlaq u hi ħarġet barra. Kif għalaq il-bieb ħabbat il-bieb u kif fetaħ ra lil Annalise u tatu bewsa u qaltlu biex ma jgħidx lil Ganni. Kif ftit wara mar għand it-tifla tiegħu Karen staqsietu x'kien għamel lil Annalise li kien mess il-parti privata tagħha. Huwa kien mar ikellimha u innega dan kollu. Huwa kien kellem lil dan Ganni fuq li kien ġara u hu kien qallu li qegħda tagħmel hekk biex tivvendika ruħha.

Illi Analise Xuereb irriżulta li hija persuna vulnerabbli minħabba li tbati minn diżabilità intellettwali u anki tieħu xi mediċini għal kura u dan kif irriżulta mill-eżami li għamel il-psikjatra Dr Joseph Cassar.

**Ikkunsidrat**

**Fuq l-akkużi**

Illil-artikolu 207 tal-Kodiċi Kriminali jaqra kif ġej:

> *Kull min jinsab ħati ta' att ta' natura sesswali mingħajr kunsens li fih innifsu ma jkunx jikkostitwixxi wieħed mid-delitti ikkunsmat jew attentat imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu jeħel il-piena ta' priġunerija…*
>
> *Iżda fil-każijiet imsemmijin fl-artikolu 202, il-piena tiżdied bi grad.*

Illi dak li trid tara l-Qorti huwa jekk fl-ewwel lok kienx hemm att ta' natura sesswali li ma jammontax għal delitt ieħor attentat jew kkonsmat u li tali att sesswali sar kontra l-volonta' tal-persuna. Illi l-imputat huwa akkużat biss b'dak li hemm taħt l-artikolu 207 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk il-Qorti sejra tgħaddi għal dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali bl-ismijiet **Il-Pulizija vs Gerald Cassar** deċiża 18/07/1959 dwar l-attentat vjolenti għall-pudur fejn irretiniet hekk:

> *L-attentat vjolenti ghal pudur – il-vokabolu 'attentat' fis-sens ta''osare', 'ardire', 'thebb' –jew oltragg vjolenti ghal pudur hu kostitwit minn tutti quegli atti impudici commessi sopra 18 altra persona contra la di lei volonta. (Carrara, Programma – 1542)" "Nell'essenza di fatto del delitto di oltraggio violento al pudore non si richiedono condizioni speciali degli elementi costitutivi del corpus criminis in tale maleficio si esaurisce nelle condizioni materiali di un atto esercitato sulla persona altrui, dal quale ne*

> *risulti un oltraggio al di lei pudore eseguito con pravo fine e previsione di tale risultato.*

F'dan ir-rigward ukoll issir referenza għal kawża deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Micallef** deċiża mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-13 ta' Novembru 1988. (Vol. XXXIX.iv.931)

> *"Kif gie spjegat maġistralment mill-kompjant Imħallef William Harding, fis-sentenza tat-8 ta' Jannar 1955, fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Kelinu Mifsud** (Vol. XXXIX.iv.931), il-kriterju differenzjali senjat mil-liġi stess bejn ir reat ta' korruzzjoni ta' minorenni u dak ta' attentat vjolenti għall-pudur huwa wieħed negattiv, fis-sens li jekk jikkonkorru fil-fatt addebitat lill-imputat ir-rekwiżiti tal-korruzzjoni ta' minorenni hemm dan id-delitt, jekk le hemm l-attentat vjolenti għall-pudur (p. 933). Din il-Qorti diġa` kellha l-okkażjoni li teżamina fid-dettal l-element materjali tar-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni fis-sentenza tagħha tat-8 ta' Jannar 1996 fl-ismijiet **The Police v. Thomas Wiffen**.*

F'din is-sentenza kien gie spjegat, fi kliem il-ġurista **Francesco Carfora**, li:

> *"'Atti di libidine … debbono ritenersi tutti quei contatti e quelle manovre, che possono eccitare i sensi, anche se non giungono allo sfogo completo della libidine …. Senza poi entrare nelle varie questioni sorte nella pratica e nella giurisprudenza circa alla valutazione di singoli atti per vedere se debbasi o no attriburi loro il carattere di atti di libidine … noi rileveremo come norma generale che gli atti, a cui si riferisce la legge, debbono essere materiali e di una certa entita` e tali da aver rapporto prossimo e diretto colle funzioni sessuali' (*Digesto Italiano, Vol. VIII, parte 3, p.967)

Dwar t-tifsira ta' dak li jikkostitwixxi *atti di libidine*, il-Qorti tagħmel referenza għal sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija v Thomas Wiffen** deċiża nhar it-tmienja ta' Jannar 1996 li tgħid:

> *"Lewd acts are therefore all those acts 'diretti ad ecitare la propia consupiscenza verso piaceri carnali turpi per se stessi o per le circostanze in cui si cerca di provocarli ovvero diretti a sodisfare sifatta concupiscenza' the duration of these acts is immaterial for the nature of a lewd act.*
>
> *Whether there has been difilement or not, is not something that can be measured with any known scientific instrument, but is*

> *something which has to be assessed by the prudent judge, the lay judge in the case of a trial by jury, the professional Magistrate or judge in all other cases – taking into account all the circumstances of the case, including in particular the age of the victim and the nature of the act or acts."*

Il-Qorti m'għandhiex dubju li, taħt ċerti ċirkostanzi, li wieħed imiss il-parti privata u s-sider ta' tfajla u ibusha jista' jammonta għal *att ta' libidine*.

Mill-banda l-oħra, kif ġie osservat fis-sentenza **Il-Pulizija v. Kelinu Mifsud** (vol. XXXIX.iv.931)

> *"L-artikolu dwar l-attentat vjolent ghall-pudur kien mehtieg, ghax, jekk l-azzjoni tas-suggett attiv tkun oltraggjat il-pudur tas-suggett passiv, dan hu bizzejjed, kien x'kien il-motiv li spinga s-suggett attiv, anki jekk ma kienx fini libidinuz, imma, per ezempju, kien vendetta. Hekk kien il-kaz 'Rex vs Carmelo Delia', 2 ta' Dicembru 1901, fejn is-suggett attiv iddiporta ruhu dizonestament ma' mara, izda ghall-fini ta' vendetta; u l-Qorti qalet – 'Atteso che, secondo la costante giurisprudenza dei nostri tribunali, il reato contemplato nel precitato articolo comprende qualunque atto che si estrinseca nell'oltraggio violento all'altrui pudore, per qualsiasi motivo diretto, senza che nulla influisce sulla nozione del reato la diversita` dellacausa che abbia spinto ad agire, semprecche` l'azione abbia prodotto il risultato di oltraggiare violentemente il pudore altrui.'*

Kif spjegat fis-sentenza **il-Pulizija vs Oglive Grima** deciza fit-30 ta Settembru, 2020 qalet hekk:

> *"din id-definizzjoni ta' atti ta' natura sesswali thaddan fiha kull forma ta' vjolenza sew morali sew fizika, sesswali u psikologika jew kull forma ta' hsara maghmula kontra persuna tas-sess femminili li tinkludi anke it-theddida ghall-istess. Dan ifisser allura illi l-appellant ma jista' qatt iqies illi l-atti impudici li dwarhom huwa gie misjub hati ma ghandhomx fihom l-element tal-vjolenza meta gew kommessi fuq persuna ta' taht l-eta u cioe' tfajla ta' tlettax-il sena, meta minghajr il-kunsens tal-istess kien hemm bewsa fuq ghonq it-tfajla u tokkament tal-warrani ta'l-istess tfajla u dan kontra l-volonta taghha. Jinghad li meta l-appellat staqsa jekk setghax ibus lit-tfajla din telqet tigri tirraporta dak li kien gara lilha."*

Dan l-agir jiftah lok il-kwistjoni tal-bacio violento kif imsemmi fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v Spiro Silvio** deciza fit-12 ta' Marzu 1960 fejn gie kwotat anki l-Carrara u ndirizza dan ir-reat billi jghid li wiehed ghandu necessarjament jistaqsi tlett domandi principali u jekk l-istess tlett domandi jigu risposti fil-pozittiv allura jirrizulta l-attentat vjolenti ghall-pudur. Il-Carrara jistaqsi:

> *"Vi fu violenza nell'atto?*
>
> *Vi fu scopo di libidine?*
>
> *Il senso morale del popolo considera quell'atto come impudico?*
>
> *Ove ricorrono queste tre condizione, esiste il delitto di oltraggio violento al pudore. Cosi io riconosco gli elementi dell'oltraggio anche nel semplice bacio violento?"* Carrara Programma Parte Speciale Vol II pg 410.

L-Archbold (Archbold Magistrates' Courts Criminal Practice 2017, para 14-88 pg. 923) jispjega hekk:

> *A person (A) commits an offence if—*
>
> *(a) he intentionally touches another person (B),*
>
> *(b) the touching is sexual, (c) B does not consent to the touching, and*
>
> *(d) A does not reasonably believe that B consents.*

Skont l-artikolu 207, huwa important li jigi kkonsidrat li "fih innifsu, ma jkunx jikkostitwixxi wiehed mid-delitti ikkunsmat jew attentat, imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu. Altrimenti jekk ikun il-kaz, il-Qorti jkollha tikkonsidra r-reati l-ohra li jkun akkuzat u mhux that l-artikolu 207 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi pero jidher bic-car li mill-provi mressqa ma kienx hemm elementi ta' reati ohrajn. Illi skond gurisprudenza kostanti fil-kaz ta' dan ir-reat ta' attentat vjolent ghall-pudur, hemm sitwazzjonijiet varji ta' atti libidinuzi li jistghu jikkostitwixxu l-element materjali. Dawn jistghu jkunu jvarjaw minn semplici bewsa mhux mixtieqa fuq il-haddejn tal-vittma, jew xi tokkata fugaci u momentanja fuq xi parti erogeneja tal-gisem minn fuq il-hwejjeg, ghall-atti vjolenti li jirraprezentaw l-elementi kostituttivi tar-reat ferm aktar gravi ta' tentattiv ta' stupru vjolent kontemplat fl-artikolu 198 tal-Kodici Kriminali.

L-**Archbold** jaghti spjegazzjoni dwar "touching" u l-elementi li jsawru dan ir-reat:

> *"Touching" includes touching with any part of the body, with anything else and through anything: s.79(8), ante.*
>
> *[…]*
>
> *In H. [2005] 2 Cr.App.R. 9, the Court of Appeal confirmed that a man who grabbed the trouser pocket of a woman and pulled her towards him shortly after asking her "Do you fancy a shag?" was guilty of an offence under s.3. A person "touched" another person if he touched the clothes that the other person was wearing. Where a touching was not inevitably "sexual", the Court stated that it was necessary to approach s.78(b) (ante at § 14-83) in two stages. First, because of its nature, might the touching be sexual? Secondly, because of its circumstances or the appellant's purpose in relation to it (or both) was the touching actually sexual?*
>
> *Different elements of the s.3 offence require proof of different states of mind such that the offence cannot be labelled as one of either basic intent or specific intent. However, the intentional touching element of the offence requires no more than basic intent so that voluntary intoxication cannot not be relied upon to negate that intent: Heard [2007] 1 Cr.App.R. 37. Pg. 923*

L-artikolu 202 tal-Kap 9 jelenka diversi ċirkostanzi aggravati fosthom artikolu 202(k) - meta d-delitt isir *kontra persuna vulnerabbli fi ħdan it-tifsira tal-artikolu 208AĊ(2).* Illi l-artikolu 208AC(2) jagħmel referenza ghal definizzjoni ta xi jfisser persuni li hija meqjusa vulnerabbli. Fil-fatt dan l-artikolu jgħid hekk:

> *"(2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu persuna vulnerabbli tfisser:*
>
> *(a) kull persuna ta' taħt il-ħmistax-il sena; jew*
>
> *(b) kull persuna li ssofri minn mard fiżiku jew mentali; jew*
>
> *(c) kull persuna oħra li tkun meqjusa mill-qorti li qiegħda partikularment f'riskju li tiġi mħajjra biex tikkopera ma' min jinsab ħati jew li ċċedi għal volontà ta' min jinsab ħati meta tieħu kont tal-età, il-maturità, is-saħħa, it-tqala, id-diżabilità, kondizzjonijiet soċjali jew oħrajn tal-persuna, inkluż kull sitwazzjoni ta' dipendenza, kif ukoll l-konsegwenza fiżika jew psikoloġika tar-reat fuq dik il-persuna."*

Illi mill-eżami tal-provi ħareġ li Annalise Xuereb ġiet meqjusa li hija persuna vulnerabbli u dan għal fatt li mir-rapport tal-psikjatra Dr Joseph Cassar hareg li hija għandha diżabilità intellettwali u wkoll kienet taht kura psikjatrika għal diversi raġunijiet. Illi ghalhekk f'dan l-ambitu, Annalise Xuereb taqa' f'dak li hemm fid-definizzjoni mghotija ghal persuna li tiġi meqjusa bhala vulnerabbli.

**Ikkunsidrat:**

Illi wara li din il-Qorti eżaminat ir-reat għal dak li hemm taht l-artikolu 207 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll dawk ukoll li huma relatati ma' din l-akkuża partikolari, issa irid jiġi meqjus il-fatti tal-każ jekk iwaslux għal sejbien ta' ħtija jew le. Illi f'dan il-każ l-unika żewġ persuni li jistgħu iwasslu għal fatti tal-każ huma l-vittma u l-imputat. It-tnejn li huma taw verżjonijiet differenti ta' dak li gara ġewwa r-residenza tal-imputat. Illi jibda biex jingħad li x-xhieda ta' xhud wieħed biss, jekk emmnut, hija biżżejjed biex tikkostitwixxi prova shiha u kompluta minn kollox. Illi anki dan il-punt ġie meqjus fil-kawża fl-ismijiet **il-Pulizija vs Joseph Thorne** fejn gie ritenut li l-Qorti gahndha tevalwa l-provi kollha li jkollha quddiema sabiex tasal ghal sejbien ta' hitja jew le.

Il-kwistjoni kollha hi wahda ta' kredibilita` u mill-fatti tal-kaz, il-Qorti rat dawn ic-cirkostanzi quddiema. Illi kemm l-imputat u John Busutill meta xehedu qalu li dak ir-rapport li sar mill-vittma sehh sabiex tivvendika ruhha. Illi jibda biex jingħad li din il-Qorti issibha kemm xejn difficli temmen din il-verzjoni. Illi jekk kieku kien il-kaz, u dan fuq dak li qal l-istess John Busuttil li hija ghamlet hekk ghax hmistax qabel kienu spiccaw. Illi jekk din il-Qorti kellha temmen din il-verzjoni, allura l-imputat f'hiex dahal fiha jekk qatt ma kien hemm xejn bejn il-vittma u l-imputat. Illi kieku fic-cirkostanzi tal-kaz sehh xi haga fil-konfront ta' John Busuttil allura din il-Qorti setghet skont ic-cirkostanzi tal-kaz tifli u tara jekk kienx hemm xi vendikazzjoni. Illi pero' f'dan il-kaz mhux qeghda temmen li dak li sar u cioè ir-rapport tal-istess vittma sar sabiex tivvendika ruhha. Illi anki mill-istes xhieda bhal ma kienet dik tal-istess tifli tal-imputat fejn qalet li kemm John Busuttil kien tkellem fil-prezenza taghha li kien sejjer Ghawdex waqt li l-imputat qatt ma semma li kien hemm i-tifla tieghu meta John Busuttil qal li kien sejjer Ghawdex. Illi l-imputat huwa minnhu li ghandu kull dritt li jibqa sieket fic-cirkostanzi ta' fatt li huwa qieghed jigi akkuzat bih u xi haga li huwa ezercitah. Illi pero hija din il-Qorti li trid tifli u tara sabiex tkun f'qaghada li tiggudika. Illi minn dak li qal l-istess imputat li kienet l-istess vittma li habtet il-bieb u tatu bewsa sahansitra qaltlu skont hu biex ma tghidx lil Ganni. Illi jekk kien hekk il-kaz

allura ghalfejn ghandha taghmel vendikazzjoni minnu jekk f'dawn ic-cirkostanzi kienet ilha li spiccat minn dan Ganni xi hmsitax qabel.

Illi l-fatti iwasslu biss li persuna ta' certu maturita approfitta ruhhu minn persuna vulnerabbli. Illi bl-agir tieghu u cioè fejn huwa mess il-parti privata u sider il-vittma biex anki ta bewsa wkoll, iwassal ghal sejbien ta' htija ghal dak li hemm fl-artikolu 207 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi bla dubju ta' xejn minhabba li hija persuna vulnerabbli wassal li persuna ried japprofitta ruhu minnha u dan minghajr ma kien hemm kunsens tant li Annalise Xuereb ghamlita cara dan l-element li ma kienx hemm kunsens.

Fil-kaz in ezami, din il-Qorti ma ghandha l-ebda dubju li l-atti kommessi mill-imputat ghal dak li hemm li hemm mahsub fl-artikolu 207 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta iwassal ghal sejbien ta' htija bl-aggravji msemmija fl-istess artikoli mahruga kontra tieghu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat huwa akkuzat ukoll b'dak li hemm taht l-artikolu 251A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Issir riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il- Pulizija vs Joseph Bajada** deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, Magistrat Dr Edwina Grima, [02.05.2013]

> *"Illi r-reat tal-fastidju u tal-harassement kif ikkontemplati fl-artikoli 251A u 251B gew introdotti ghall-ewwel darba fil-ligi penali Maltija bl-Att XX tas-sena 2005. Illi mill-gurisprudenza tal-qrati taghna jidher illi l-imgieba li tohloq il-fastidju trid tkun "a course of conduct" u mhux incident wiehed u izolat. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l- Appelli Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs James Demanuele** deciza fis-26 ta' Novembru 2009 il-Qorti stqarret:*
>
> *"L-artikolu 251A johloq ir-reat ta' persuna li ggib ruha b'mod li taghti fastidju lil persuna ohra u b' mod li tkun taf jew imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju ghal dik il-persuna. Il-ligi fis-sub-inciz (2) tkompli tiddisponi li persuna li tkun qed iggib ruha b' mod dubbjuz imissha tkun taf li dik l-imgieba tammonta ghal fastidju ta' persuna ohra jekk fil-qies ta' persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni, din kienet kieku tahseb li dik l-imgieba kienet tammonta ghal fastidju tal-persuna l-ohra. Fis-subinciz (3)(c) il-ligi tkompli tghid li persuna akkuzata b'reat taht dan l-artikolu tista' ggib prova li fic-cirkostanzi partikolari dik l-imgieba kienet wahda ragjonevoli. Fl-artikolu 251 C hu provvdut li riferenzi ghall-ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludi meta wiehed*

> *jaghti qata': ("alarming") jew idejjaq: ("causing distress") lill-persuna.*
>
> *Illi t-terminu legali fastidju (bl-Ingliz "harassment") gie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bhala:- "Words, conduct or action (usu. Repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose", dan l-element ta' ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jigi konsidrat "in isolation" b'riferenza biss ghall-kaz mertu tal-kawza imma wkoll irid jitqies fl-isfond tar-retroxena u ta'l-agir precedenti tal-gudikabbli."*

Anki dan il-punt ta' l-ahhar fil-kawza deciza fil-Qorti fl-Appell Kriminali fl-ismijiet "**Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez**" deciza fil-21 ta' Gunju tas-sena 2007 fejn intqal hekk:-

> *".... f' kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta' fastidju fuq periodu ta' zmien."*

Illi jidher bic-car minn dak li qalet Annalise Xuereb li din kienet okkazzjoni ta' darba li ghamel l-imputat. Illi ghalhekk irid jigi stabbilit element necessarju ghal sejbien ta' htija fejn jirrigwarda kazijiet li jaqghu taht dawn l-akkuzi. Illi dan l-element li huwa necessarju huwa dak li hu msejjah bl-Ingliz '*a course of conduct'*. Illi fil-Ligi taghna ma taghti ebda definizzjoni ta' x'inhu '*a course of conduct'* u cioe' fl-artikoli 251A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi l-Qrati taghna dejjem imxew skont il-kaz li jkollhom quddiemhom sabiex jigi stabbilit jekk hemmx a *course of conduct* jew le. Dak li jrid jigi deciz huwa jekk dak li gara fis-17 ta' Frar 2019 jammontax ghal *course of conduct.* Illi f'dan il-kaz ma kien hemm ebda prova li seta kien hemm okkazzjoniijiet ohra u ghalhekk l-element neċessarju sabiex tinstab htija ghal dak li hemm fl-artikolu 251A u cioè il-*course of conduct* u ghalhekk l-imputat qieghed jiġi liberat minn din l-akkuza.

Dwar il-piena din il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali ta' l-imputat u hija tal-fehma li l-piena karcerarja effettiva ma hiex idoneja f'dan il-kaz.

**Decide:**

**Għal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-Artikolu 207 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed issib lill-imputat ħati ta' l-ewwel imputazzjoni kif miġjuba fil-konfront tiegħu bl-aggravji kif kontemplati u ma ssibux ħati tat-tieni imputazzjoni u għaldaqstant tilliberaħ minnha u ai termini ta'**

**l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta qed tpoġġi lill-imputat taħt Ordni ta' Probation għal perjodu ta' tlett (3) snin mil-lum.**

**Il-Qorti spjegat lill-ħati fi kliem ċar, l-obbligi tiegħu taħt din is-sentenza u x'jiġri jekk hu jikkommetti reat li għalih ikun hemm piena ta' priġunerija matul il-perjodu ta' tlett snin.**

**Il-Qorti tordna ai termini tal-artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta li kopja ta' din s-sentenza tiġi notifikata lid-Direttur tal-Uffiċċju tal-Probation sabiex jiġi nominat il-kandidat idoneju għal dan l-għan.**

**Dr Caroline Farrugia Frendo**

**Maġistrat**

**Maria Grech Cardona**

**Deputat Reġistratur**